Knisja elfejn

sena XXVIII nru. 118
ottubru – diċembru 2016

# L-Għerf tal-Papiet fl-Enċikliki

WERREJ

P. Raymond Gatt OP
**Editorjal** 1

Mons. Joseph Farrugia
**Il-Paċi tal-Papiet fl-isfond tal-Enċiklika Pacem in Terris** 5

P. Ivan Attard OP
**It-tagħlim profetiku ta' Pawlu VI dwar l-iżvilupp uman** 11

P. Raymond Gatt OP
**Ħarsa ħafifa lejn l-Enċikliki ta' San Ġwanni Pawlu II** 27

Prof. Dun Hector Scerri
**L-Enċikliki ta' Papa Benedittu XVI: Triloġija Straordinarja** 43

Fr Charles Buttigieg
**L-Enċiklika Laudato Sì tal-Papa Franġisku** 63

APPENDIĊI 1 – Papa Franġisku
**Misericordia et Misera (Il-Ħniena u l-Miżerja)** 75

APPENDIĊI 2 – Messaġġ tal-Papa Franġisku għal Jum il-Paċi 2017
**In-non-vjolenza: stil ta' politika għall-paċi** 95

APPENDIĊI 3 – Katidral ta' Tirana, l-Albanija
**Omelija waqt il-Quddiesa tal-Ingress tal-Arċisqof Ġorġ Frendo OP** 103

# L-Enċikliki tal-Papa Benedittu XVI: Triloġija Straordinarja

Prof. Dun Hector Scerri

Il-Papa Benedittu XVI ġie magħżul biex ikun il-Vigarju ta' Kristu u Kap viżibbli tal-Knisja nhar id-19 ta' April 2005, missjoni li huwa qeda sat-28 ta' Frar 2013, il-jum li fih daħlet fis-seħħ ir-rinunċja tiegħu mill-Uffiċċju Petrin. Matul perjodu ta' ftit anqas minn tmien snin, huwa ppubblika għadd mhux żgħir ta' dokumenti uffiċjali, fosthom xejn anqas minn 111-il Kostituzzjoni Appostolika, 144 Ittra Appostolika u 17-il Ittra 'Motu Proprio'. Kiteb triloġija dwar Ġesù Kristu, bl-isem ta' *Ġesù ta' Nazaret* li ġiet tradotta f'20 ilsien u li tagħha nbiegħu miljuni ta' kopji. Huwa għamel 24 vjaġġ pastorali barra mill-Italja u 30 vjaġġ fl-Italja. Dawn huma biss għażla żgħira minn informazzjoni statistika ferm usa' li tinkludi l-omeliji, id-diskorsi u l-udjenzi tiegħu.[1] L-għan ta' dan l-artiklu huwa li nistudjaw fil-qosor it-tlett enċikliki li kiteb il-Papa Benedittu XVI.

It-tliet enċikliki tal-Papa Benedittu XVI huma:

- *Deus caritas est* (*Alla huwa mħabba*) tal-25 ta' Diċembru 2005;
- *Spe salvi* (*Aħna salvi bit-tama*) tat-30 ta' Novembru 2007; u
- *Caritas in veritate* (*L-Imħabba fil-Verità*) tad-29 ta' Ġunju 2009.[2]

Fl-aħħar ktieb tiegħu, *Ultime Conversazioni* (*Letzte Gespräche*, 2016) intervista mal-ġurnalista Peter Seewald, il-Papa Benedittu XVI ġie mistoqsi l-għala huwa ppubblika tliet enċikliki biss, tant li fih tidher xi ftit il-parsimonja, jew bħal 'xeħħa' żejda fejn jidħlu dokumenti ta' dan il-kalibru. Benedittu XVI wieġeb hekk: "Qabel kollox għaliex ridt inġib fit-tmiem il-ktieb dwar Ġesù. Naturalment, wieħed jista' jgħid li din setgħet kienet prijorità żbaljata, imma li madankollu hija raġuni

valida. Imbagħad ukoll, wara l-abbundanza ta' enċikliki li tana Ġwanni Pawlu II, ħsibt li stajt innaqqas ir-ritmu".[3] Seewald imbagħad staqsieh jekk jippreferix enċiklika minnhom, u malajr, mingħajr ħafna ħsieb, il-Papa Benedittu wieġeb: "Iva, aktarx l-ewwel waħda, *Deus caritas est*".[4]

**_Deus caritas est_ (25 ta' Diċembru 2005)**

Kienet intenzjoni ċara tal-Papa Benedittu XVI li l-ewwel enċiklika tiegħu tkun dwar l-imħabba t'Alla. L-isem tagħha, *Deus caritas est*, huwa meħud minn silta mill-Ewwel Ittra ta' San Ġwann: "*Alla huwa mħabba*, u min jgħammar fl-imħabba jgħammar f'Alla u Alla fih" (1 Ġw 4:16). Din mhijiex enċiklika programmatika għall-Pontifikat tiegħu, kif kienu għamlu l-Papa Pawlu VI[5] u l-Papa Ġwanni Pawlu II[6] fl-ewwel enċiklika rispettiva tagħhom, jew kif għamel l-Papa Franġisku permezz tal-ewwel eżortazzjoni appostolika tiegħu, *Il-Ferħ tal-Evanġelju* (*Evangelii gaudium*).

**Laqgħa ma' Persuna**

Fl-enċiklika *Deus caritas est*, il-Papa Benedittu XVI jikkontempla l-kobor, anzi l-infinità, tal-imħabba t'Alla. Fl-introduzzjoni, huwa jitkellem dwar l-imħabba li Alla jsawwab fuqna, imħabba li aħna msejħin naqsmu ma' ħaddieħor. Fil-bidunett ukoll, il-Papa Benedittu jisħaq dwar it-tema tal-"laqgħa" (*encounter*) mal-Mulej: "Bħala bidu għall-eżistenza nisranija m'hemmx xi deċiżjoni etika jew xi idea għolja, iżda hemm il-laqgħa ma' ġrajja, ma' Persuna, li tagħti lill-ħajja orizzont ġdid, u direzzjoni deċiżiva" (par. 1). Huwa jfisser kif fiċ-ċentru tal-fidi nisranija hemm l-imħabba, u kif il-pedament ta' dan huwa saħansitra dak li naqraw fil-kotba tat-Testment il-Qadim li bosta drabi jitkellmu dwar l-għożża t'Alla għall-Poplu tiegħu.

Biex nifhmu aħjar il-kontenut tal-enċiklika, għandna nżuru diskors li l-Papa Benedittu kien għamel fl-istess jiem meta l-enċiklika kienet ippreżentata għall-ewwel darba lill-ġurnalisti. Dan kien diskors li huwa għamel fit-23 ta' Jannar 2006 lill-parteċipanti waqt laqgħa dwar il-karità promossa mill-Kunsill Pontifiċju Cor Unum.[7] Huwa qal li l-kelma *mħabba* hija abbużata (ara wkoll par. 2 tal-enċiklika),

kważi kważi wieħed jibża' ilissinha. Għalhekk, huwa jagħti l-għan tal-enċiklika – li nippurifikaw il-kelma *mħabba* u nirritornaw għall-ġmiel oriġinali tagħha, u b'hekk iddawwal il-ħajja tagħna u tmexxina fil-mogħdija t-tajba.

## Alla jħobb lill-bniedem

Fl-ewwel taqsima tal-enċiklika tiegħu, il-Papa Benedittu ifakkarna li s-sejħa nisranija la hi teorija u lanqas ma hi xi ideoloġija jew kodiċi ta' regoli li aħna obbligati nħarsu. Kif diġà aċċennajna qabel, id-dixxipulat nisrani huwa laqgħa ma' Persuna ħajja, Ġesù Kristu. Din l-esperjenza tgħaqqadna miegħu permezz tal-fidi u tal-imħabba. Huwa ferm diffiċli għalina l-bnedmin li nifhmu x'inhi l-imħabba t'Alla għalina, jew li nitkellmu dwarha. L-imħabba t'Alla hija misteru profond. Aħna m'aħna xejn ħdejn l-infinità tal-imħabba tiegħu. F'kuntrast ma' dak li tgħid il-filosofija, ngħidu aħna dik Griega tal-qedem – li Alla (naturalment, nies bħal Aristotile għandhom f'moħħhom l-allat tagħhom u l-mitoloġija marbuta magħhom) hu ta' min iħobbu, iżda hu ma jistax iħobb ħlief lilu nnifsu – Alla tagħna jħobb lilna l-bnedmin b'imħabba personali. Dan nafuh mir-Rivelazzjoni, saħansitra minn dak li qalilna l-Iben t'Alla nnifsu: "Għax Alla hekk ħabb id-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw 3:16). Il-Papa, permezz tal-ewwel enċiklika tiegħu, jistedinna biex nifhmu x'inhi l-imħabba fis-sens awtentiku tagħha, u biex jagħmel dan huwa jinqeda b'dak li tgħidilna l-Iskrittura Mqaddsa u t-Tradizzjoni tal-Knisja, kif ukoll bl-informazzjoni li nistgħu nsibu minn kulturi differenti u mil-lingwaġġ taż-żminijiet li ngħixu fihom.

## Eros u agape

F'silta importanti ta' din l-enċiklika, il-Papa Benedittu XVI jgħid:

Mhuwiex l-ispirtu waħdu u lanqas il-ġisem waħdu li jħobb; għaliex huwa l-bniedem, jiġifieri l-persuna, li jħobb bħala ħlejqa sħiħa magħquda, li tagħha huma sew il-ġisem sew ir-ruħ. Fl-aħħarnett, meta ż-żewġ komponenti jsiru tassew ħaġa waħda, il-bniedem isir bniedem sħiħ fih innifsu. B'dan il-mod biss l-imħabba-*eros* tilħaq il-veru kobor tagħha (par. 5).

Hawnhekk, il-Papa qiegħed jindirizza żewġ konklużjonijiet żbaljati dwar il-bniedem. Kien hemm xi għorrief li sostnew li l-bniedem huwa biss spirtu, waqt li oħrajn li huwa biss ġisem, u għalhekk warrbu l-aspett spiritwali tiegħu. Iżda l-verità hi li l-bniedem sħiħ huwa ruħ u ġisem. Dan jgħodd ukoll għall-imħabba umana għax fil-persuna li tħobb hemm kemm l-aspett emozzjonali u passjonali, kif ukoll l-aspett spiritwali li permezz tiegħu l-bniedem jirbaħ l-egoiżmu tiegħu u jiftaħ qalbu għal imħabba sinċiera lejn l-oħrajn, u għalhekk huwa ma jfittixx lilu nnifsu jew dak li jaqbillu. Hawn tidħol id-distinzjoni importanti li jagħmel il-Papa bejn *eros* u *agape*. Tal-ewwel hija l-ġibda jew ix-xewqa għal xi ħadd jew għal xi ħaġa, u hija mħabba possessiva li permezz tagħha l-bniedem jaħkem u jaħfen il-persuna jew l-oġġett li jħobb. Min-naħa l-oħra, l-*agape* hija mħabba fejn il-persuna toffri lilha nfisha, u ma tistenna xejn lura. In-nisrani huwa msejjaħ li jixxennaq għal din l-imħabba li twasslu biex jimmatura u jsib ekwilibriju personali intern.

F'paragrafu ieħor, Benedittu XVI jkompli jgħallem dwar x'inhi l-imħabba awtentika, u juri kif il-bniedem huwa msejjaħ biex mill-*eros* jgħaddi għall-*agape*:

Aħna rriflettejna dwar żewġ kelmiet ewlenin li huma: *eros*, bħala kelma li tfisser l-imħabba kif tifhimha d-dinja, u *agape* bħala espressjoni għall-imħabba mibnija fuq il-fidi u hi mfassla fuqha. Dawn iż-żewġ ideat huma sikwit kontrastanti bħala mħabba li togħla 'l fuq u mħabba li tħares 'l isfel. Hemm ukoll kategoriji oħra ta' tifsiriet li jixbhuhom, ngħidu aħna d-differenza bejn imħabba li tieħu u mħabba li tagħti ... Il-bniedem ma jistax jagħti biss dejjem, irid ukoll jirċievi. Min irid jagħti l-imħabba għandu jirċeviha b'rigal hu wkoll. Żgur, kif jgħidilna l-Mulej – il-bniedem jista' jsir għajn li minnha joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj (ara Ġw 7:37-38). Iżda biex wieħed isir għajn bħal din, hu nnifsu għandu jixrob – u dejjem jerġa' jixrob, minn dik l-ewwel għajn tal-bidu li hi Ġesù Kristu, li mill-qalb minfuda tiegħu tgelgel l-imħabba t'Alla (ara Ġw 19:34) (par. 7).

Hu għalhekk li l-Papa ifakkar li l-imħabba għandha żewġ aspetti kumplimentari għal xulxin, l-imħabba *axxendenti* li togħla 'l fuq u

l-imħabba *dixxendenti* li tinżel 'l isfel (ara par. 7). Hu għalhekk li hemm rabta bejn l-*eros* u l-*agape* u mhux sew li dawn jinfirdu għal kollox minn xulxin. Mal-mument tal-*eros* hu meħtieġ li jiżdied ukoll il-mument tal-*agape*. Il-Papa jiddeskrivi l-imħabba bħala "fenomenu uman oriġinali/ewlieni" (par. 8) għax l-imħabba tinsab fil-bnedmin kollha. Il-fidi biblika tkompli turina kemm dan huwa minnu. Permezz ta' dak li naqraw fl-Iskrittura niġu spiss imfakkrin li Alla huwa mħabba, u li jħobb lil kull bniedem, u li bagħtilna lil Ibnu biex isalvana. Il-fidi biblika tfakkarna wkoll li l-bniedem sħiħ huwa magħmul minn ruħ u ġisem.

**Il-wiċċ uman ta' Alla**

Permezz tal-Inkarnazzjoni, Alla ħa wiċċ uman, anzi, qalb ta' bniedem li Hu ma kellux peress li sa mill-eternità huwa spirtu. Fil-milja taż-żmien (ara Gal 4:4), fl-Inkarnazzjoni tat-Tieni Persuna huwa ħa qalb ta' bniedem biex lilna jgħallimna kif aħna nħobbu b'manjiera li tixbah kif Hu stess iħobb. Matul il-paġni kollha tal-enċiklika, ir-riflessjonijiet tal-Papa dwar Alla, dwar Kristu u dwar l-imħabba huma kollha minsuġin flimkien, u joffrulna direzzjoni ċara biex ngħixu l-fidi nisranija tagħna.

Waħda mill-aktar siltiet qawwija u tokkanti li Benedittu XVI jagħtina f'*Deus caritas est* hi meta fid-dawl tal-parabbola tar-ragħaj li jfittex in-nagħġa l-mitlufa, huwa jiddeskrivi kif Alla jsus wara l-bniedem:

Dan l-għemil t'Alla jieħu s-sura drammatika tiegħu billi, f'Ġesù Kristu, Alla nnifsu jsus wara 'n-nagħġa l-mitlufa', jiġifieri wara l-umanità mweġġgħa kif ukoll mitlufa, fuq il-mara li tfittex id-drakma, fuq il-missier li joħroġ jilqa' lil ibnu l-ħali u jgħannqu; dawn mhux biss huma kliem, iżda fihom it-tifsira tal-istess eżistenza tiegħu u tal-għemil tiegħu. Fil-mewt tiegħu fuq is-salib jitwettaq il-fatt li Alla dar kontra tiegħu nnifsu; f'dan Hu jagħti lilu nnifsu biex jerfa' l-bniedem u jsalvah – din hi l-imħabba fl-għamla tagħha l-aktar radikali. Il-ħarsa msammra fuq il-ġenb midrub ta' Kristu, li tissemma fi Ġwanni (ara 19:37) tifhem dak li ta bidu għal din l-enċiklika: "Alla huwa mħabba" (1 Ġw 4:8) (par. 12).

Huwa ċar li Alla tant iħobb il-bniedem li Huwa jintervjeni permezz ta' Pjan imfassal biex jerfagħna mill-miżerja tagħna u jagħtina ħajja ġdida. Dan diġà jidher fit-Testment il-Qadim, imma jara l-quċċata tiegħu fil-missjoni pubblika ta' Ġesù u fil-Misteru tal-Għid tiegħu. In-novità li hemm fit-Testment il-Ġdid tinsab fil-fatt li l-intervent t'Alla issa jseħħ f'Ibnu stess li tana l-aqwa prova ta' mħabbtu permezz tat-tbatija, il-mewt u l-qawmien tiegħu.

Il-Papa Benedittu XVI ifakkarna li l-imħabba t'Alla għalina tgħabbina b'responsabbiltà biex dak li rċevejna mingħandu għandna d-dmir li nwassluh lill-oħrajn. Huwa jgħid li l-imħabba t'Alla u l-imħabba lejn il-proxxmu huma marbutin flimkien b'rabta li ma tinħallx: "Waħda hi hekk marbuta fil-qrib mal-oħra li ssir gidba li wieħed jgħid li jħobb 'l Alla, jekk jagħlaq qalbu għall-proxxmu jew ukoll jobogħdu" (par. 16).

**Il-ħidma ta' karità tal-Knisja u l-ġustizzja soċjali**

Dan it-tagħlim ikompli jiġi żviluppat mill-Papa fit-tieni taqsima tal-enċiklika li tiffoka fuq il-ħidma ta' karità tal-Knisja (ara par. 19-25). L-imħabba tal-aħwa tidher u tinħass fil-Knisja permezz ta' għemejjel konkreti, kemm ta' individwi fuq livell personali, imma wkoll mill-Knisja f'daqqa. L-opri ta' karità li l-Knisja wettqet sa mill-bidunett huma xhud ta' dan. Il-Papa jibda mill-Atti tal-Appostli (ara Atti 2:42.44-45 u siltiet oħra). Il-kura tal-bniedem fil-bżonn u r-rabta ta' dan max-xandir tal-Kelma u ċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti jkompli juri x'inhuma l-pilastri li fuqhom hija mibnija l-ħidma tal-Knisja, jiġifieri r-rabta tal-*kerygma* mal-liturġija biex jitkattru l-komunjoni u d-djakonija fil-komunità nisranija (ara par. 21-25).

Benedittu XVI jgħaddi biex ifisser f'aktar dettall ir-rabta bejn il-ġustizzja soċjali u l-karità nisranija. Jitlaq mill-kuntest tar-Rivoluzzjoni Industrijali tal-bidu tas-seklu 19 u t-twelid formali tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja u kif dan żviluppa sal-lum (ara par. 26-27). Huwa jistqarr:

L-imħabba – *caritas* – sa tibqa' dejjem meħtieġa, ukoll fl-aktar soċjetà ġusta. M'hemm ebda ordni ċivili tal-Istat daqshekk ġust li jasal jara żejjed is-servizz tal-imħabba. Min irid jeħles mill-imħabba qiegħed iħejji ruħu biex jeħles mill-bniedem bħala bniedem. Dejjem

tibqa' t-tbatija li teħtieġ faraġ u għajnuna ... Dejjem ikun hemm ukoll ċirkustanzi ta' ħtieġa materjali li fihom huwa meħtieġ li wieħed jagħti għajnuna f'għamla ta' mħabba reali lejn il-proxxmu (par. 28).

Fit-tieni taqsima tal-enċiklika *Deus caritas est*, Benedittu XVI jisħaq dwar il-kompetenza tal-Knisja u tad-Duttrina Soċjali tagħha għall-bini ta' ordni soċjali ġust. Huwa jagħtina riflessjonijiet stimulanti dwar in-natura proprja tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja. Huwa jagħmel sejħa lill-membri kollha tal-Knisja biex iqajmu mill-ġdid il-forzi spiritwali u morali tagħhom biex ma jibqgħux lura milli jikkoperaw ma' organizzazzjonijiet oħra: "Il-ftuħ tal-qalb għall-proġett Kattoliku tal-Knisja għandu jħejji lill-imseħbin fil-ħidma biex jaħdmu f'armonija ma' organizzazzjonijiet oħra fis-servizz tal-form diversi ta' ħtieġa" (par. 34).

## Messaġġiera veri tal-imħabba

Fl-għeluq tal-enċiklika, il-Papa Benedittu jiffoka fuq ix-xhieda tal-qaddisin li tul il-medda tas-sekli poġġew il-karità fil-prattika. Huwa jsemmi l-eżempji ta' bosta qaddisin li "jibqgħu mudelli magħrufa ħafna ta' karità soċjali lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba. Il-qaddisin huma dawk il-messaġġiera veri tad-dawl fil-qalba tal-istorja, għaliex huma rġiel u nisa ta' fidi, ta' tama u ta' mħabba" (par. 40). Imbagħad, kif inhu xieraq, huwa jgħaddi biex jitkellem dwar il-Verġni Marija. Huwa jiddeskriviha bħala mara "impenjata f'servizz ta' karità lill-kuġina Eliżabetta", "mara ta' tama", "mara ta' fidi" u "mara li tħobb" (par. 41). Filwaqt li huwa jirreferi għal xi siltiet mill-Evanġelju fejn tissemma Marija, huwa jgħid li għax hija mara li taħseb bil-fidi skont ir-rieda ta' Alla, "hija ma tistax tkun ħlief mara li tħobb" (par. 41). Fl-aħħarnett, Benedittu XVI jistqarr li aħna nitgħallmu mingħand Marija x'inhi l-imħabba, u għalhekk "lilha nafdaw il-Knisja u l-missjoni tagħha fis-servizz tal-imħabba" (par. 42).

## *Spe salvi* (30 ta' Novembru 2007)

It-tama tagħna hija f'Alla. Bħad-dokumenti kollha tal-Papiet, it-tieni enċiklika tal-Papa Benedittu XVI tieħu isimha mill-ewwel kelmiet tagħha. Hawnhekk, il-Papa qed jislet silta mill-ittri ta' San

Pawl: "Aħna salvi bit-tama" (Rum 8:24). F'din l-enċiklika, Benedittu XVI qiegħed jgħallimna dwar it-tama Nisranija. Huwa jistqarr: "Il-fidwa ngħatatilna fis-sens li ngħatatilna t-tama, tama soda, li bis-saħħa tagħha nistgħu nħabbtu wiċċna mal-preżent" (par. 1).

**It-tama fil-ħajja tal-bnedmin**

Fl-ewwel parti tal-enċiklika, niltaqgħu ma' bosta siltiet meħudin mill-Bibbja biex nifhmu x'inhi t-tama. San Pawl, fl-Ittra tiegħu lill-Efesin, ifakkarhom li qabel il-laqgħa tagħhom ma' Kristu, huma kienu "bla tama u bla Alla fid-dinja" (Ef 2:12). Jisħaq mal-Insara li t-tama tagħhom għandha tkun f'Alla. Jistqarr li m'għandkomx "isewdu qalbkom bħall-oħrajn li ma għandhomx tama" (1 Tess 4:13). Fid-dawl tas-siltiet mill-Bibbja, il-Papa jfakkar li element li jiddistingwi lilna l-Insara huwa l-fatt li aħna għandna ġejjieni, jiġifieri li ħajjitna ma tintemmx fix-xejn. Dak li naqraw fl-Evanġelju mhuwiex biss aħbar sabiħa li nistgħu nitgħallmuha, imma fih niltaqgħu ma' realtà li għandha l-qawwa li tibdel il-ħajja tagħna (par. 2).

Jolqotna l-fatt li biex ifisser dak li qiegħed jgħid, Benedittu XVI jirrakkonta l-istorja ta' qaddisa Afrikana, Santa Ġużeppina Bakhita (c.1869-1947). Din kienet Musulmana mis-Sudan, u fi tfulitha ġarrbet ħafna tbatijiet billi kienet ilsira. Batiet ħafna, anki fiżikament. wara li għaddiet mingħand sid għal ieħor, sakemm il-Providenza riedet li tasal l-Italja fejn ħaddnet il-fidi Nisranija, u 'l quddiem daħlet soru Kanossjana. Il-Papa jitkellem kemm dwar il-ħelsien uman li hija akkwistat, kif ukoll dwar "il-ħelsien li ħadet bil-laqgħa ma' Alla" (par. 3). Għaddiet minn belt għal oħra fl-Italja tferrex messaġġ ta' tama. Il-Papa jkompli jfisser il-kunċett tat-tama fid-dawl tat-Testment il-Ġdid u tal-esperjenzi tal-Insara tal-ewwel sekli. Juri kif l-ewwel Insara, ħafna drabi, kienu nies foqra u minn klassijiet aktarx żvantaġġati. Huwa għalhekk li huma kienu aktar "miftuħin għall-esperjenza tat-tama l-ġdida" (par. 5) li tagħti l-fidi fi Kristu. Anki dawk li kienu kolti jew ġejjin minn klassijiet aktar għolja għarfu li l-allat, il-miti u reliġjonijiet oħra ma kellhomx kredibbiltà.

Dan ifissirhulna tant tajjeb il-Papa Benedittu XVI meta jikkwota silta mill-kitbiet ta' San Girgor Nazjanzenu (330-389), wieħed minn

Missirijiet il-Knisja mill-Kappadoċja. Jgħid li mill-mument li l-maġi li mxew wara l-kewkba qiemu lil Ġesù, l-astroloġija ġiet fi tmiemha, "għax issa l-istilel iduru fuq l-orbita mfassla minn Kristu" (par. 5).

**It-tama ngħixuha flimkien**

Fl-enċiklika, il-Papa Beneditu XVI – fid-dawl tat-tama Nisranija – jgħallimna x'inhi l-ħajja ta' dejjem. Hawnhekk huwa jfakkarna f'parti mir-rit tas-sagrament tal-magħmudija. Wara li s-saċerdot jistaqsi l-ġenituri l-isem li sa jagħtu lit-tarbija, imbagħad idur fuqhom: "X'titlob mill-Knisja?" Tweġiba: "Il-fidi". "U x'tagħtik il-fidi?" "Il-ħajja ta' dejjem". Il-Papa jissokta jispjega li "l-fidi hija s-sustanza tat-tama". Hawnhekk, il-Papa jqajjem xi punti li jibqgħu dejjem attwali. Jgħid li hawn bosta bnedmin fid-dinja li l-ħajja ta' dejjem ma tinteressahomx. Moħħhom biss fil-ħajja preżenti. Għalihom, il-fidi fil-ħajja ta' dejjem hija xkiel (par. 10).

Il-Papa jfittex li jwieġeb għal dawn il-punti billi jaqsam magħna dak li kitbu xi wħud minn Missirijiet il-Knisja, fosthom Sant'Ambroġ ta' Milan (c.339-397) u Santu Wistin ta' Ippona (354-430). Fid-dawl ta' dak li qalu dawn l-għorrief, il-Papa jfakkarna li minn naħa "nixtiequ l-ħajja nfisha", u minn oħra lanqas nafu "dak li lejh inħossuna mixħutin" (par. 12). Huwa jikkonkludi li hija t-tama vera li tista' tassew tmexxina. Benedittu XVI jgħaddi wkoll biex jurina li t-tama mhix xi ħaġa individwalistika, jiġifieri għalija waħdi. Daqs kemm id-dnub huwa realtà komunitarja, hekk ukoll is-salvazzjoni li tana Ġesù hija komunitarja. It-tama, ukoll, għandha "karattru komunitarju" (par. 14). Fi kliem ieħor, it-tama li nħaddan personalment irrid ngħixha fi ħdan il-Poplu t'Alla, jiġifieri flimkien ma' ħuti l-Insara. Saħansitra anki l-patrijiet tal-monasteri – li qishom ħallew id-dinja – għandhom responsabbiltà lejn il-Knisja, anzi lejn l-umanità kollha (par. 15).

**Ħassieba differenti dwar it-tama**

Fil-parti li jmiss tal-Enċiklika (par. 16-23), il-Papa mbagħad jgħaddi biex jippreżenta kif il-bnedmin taż-żmien modern ħarsu lejn it-tama. Jagħmel dan billi jirreferi għal numru ta' ħassieba kbar, fosthom Francis Bacon (1561-1626), Immanuel Kant (1724-1804),

Theodor Adorno (1903-1969), u dak kollu li wassal għat-teorija ta' Karl Marx (1808-1883) u kif din kellha titwettaq. Jesplora r-raġuni u l-libertà. Isemmi l-bidliet kbar li seħħew fis-soċjetà fis-seklu dsatax bl-industrijalizzazzjoni. Jidħol imbagħad biex janalizza l-ħsibijiet ta' Marx u r-rivoluzzjoni li huwa ħolom. Il-Papa jikkonkludi li l-iżball ta' din it-teorija huwa li Marx donnu "nesa li l-bniedem jibqa' dejjem bniedem. Nesa l-bniedem u l-libertà tiegħu" (par. 21). L-iżball fundamentali ta' din il-linja, jisħaq il-Papa, huwa l-materjaliżmu. Il-bniedem ma jimxix 'il quddiem billi toħloqlu kundizzjonijiet ekonomiċi tajbin biss (par. 21) jew progress fit-teknika (par. 22). Hija meħtieġa formazzjoni interna – jiġifieri li l-bniedem jikber fil-ġewwieni tiegħu. Irid jidra jħaddem ir-raġuni magħġuna mal-fidi. Irid juża tajjeb il-libertà li Alla żejnu biha. Fi ftit kliem, "il-bnedem jeħtieġ lil Alla, inkella jibqa' mingħajr tama" (par. 23).

**L-imħabba tgħinek tittama**

Sa issa, rajna diversi aspetti mill-esperjenza tal-bniedem, u d-dawl li tista' tagħti t-tama Nisranija f'dawk is-sitwazzjonijiet, dejjem jekk il-bniedem jaċċetta dan id-don ta' Alla. Rajna x-xewqa jew ir-rifjut tal-bniedem għall-ħajja ta' dejjem. Rajna wkoll kif xi ħassieba, kemm Insara kif ukoll mhumiex, ħarsu lejn il-ħajja – jew b'lenti mimlija tama, jew b'lenti fejn it-tama m'għandhiex post. Rajna wkoll li t-tama Nisranija hija essenzjalment komunitarja.

Issa sa naraw x'inhi s-sura vera tat-tama Nisranija. Il-Papa jfakkarna li għalkemm jeżistu ħafna strutturi meħtieġa biex id-dinja timxi 'l quddiem (ngħidu aħna: ordni soċjali, il-libertà umana, l-għażla tat-tajjeb, is-suċċessi tax-xjenza), "il-bniedem jinfeda bl-imħabba... imħabba bla kundizzjonijiet" (par. 26). Ir-realtà enormi li Ġesù Kristu fdiena hi realtà ta' mħabba assoluta. Benedittu XVI ifakkar li hija din l-imħabba infinita li tagħtina t-tama. Min ma għarafx lil Alla u m'għandux relazzjoni miegħu, "għad li jista' jkollu bosta tamiet, fil-fond nett hu bla tama" (par. 27). Is-sies ta' kull tama li għandna huwa Alla. Kull min jagħmel din l-esperjenza tal-imħabba ta' Alla, jibda jifhem x'inhi l-ħajja vera u jibda jistenna bit-tama l-ħajja ta' dejjem. Dak li bit-tama nibdew induqu minn issa f'din il-ħajja, jilħaq il-

quċċata tiegħu fil-ħajja ta' dejjem. Hawnhekk, Benedittu XVI jerġa' jaqbad dak li tkellimna dwaru qabel – jiġifieri li s-salvazzjoni mhijiex xi ħaġa individwali. Ir-rabta tagħna mal-Mulej li "qiegħed hemm għal kulħadd" timpenjana biex naħsbu f'xulxin.

Il-Papa jwasslilna xi tagħlim minn fomm San Massimu l-Konfessur (c.580-662) u Santu Wistin. Min huwa qrib tal-Mulej jaħseb f'ħaddieħor. Santu Wistin, quddiem sitwazzjonijiet soċjali diffiċli, ixandar "it-tama li kienet tiġih mill-fidi" (par. 29). Ċert li nifhmu l-kliem tal-enċiklika meta l-Papa jgħid li fil-ħajja tagħna jkollna ħafna tamiet, kemm żgħar kif ukoll kbar. Hemm tamiet li nħossuhom qawwija fiż-żgħożija; hemm tamiet oħra li jkollna meta nimmaturaw. Il-Papa jfakkarna – u naħseb li din hija l-esperjenza ta' ħafna minna – li meta tamiet bħalma semmejna jsiru realtà, nibdew nintebħu li ma kenux kollox: "issir ħaġa ċara li l-bniedem jeħtieġ tama li tmur lil hinn" (par. 30). Aħna mistiedna npoġġu din it-tama f'Alla li huwa Ħallieq kollu mħabba. Huwa Alla li fi Kristu ħa "wiċċ ta' bniedem u li ħabbna sal-aħħar" (par. 31). L-esperjenza li inti tagħmel ta' din l-imħabba – kemm personalment kif ukoll bħala parti minn komunità li temmen – tgħinek ma titlifx il-ħeġġa tat-tama.

## It-talb u t-tbatija

Sa issa rajna l-ewwel nofs tal-Enċiklika *Spe salvi*. Jekk forsi l-ewwel parti hija pjuttost impenjattiva, it-tieni parti hija aktar faċli biex nifhmuha billi huwa jagħtina ħafna eżempji kif nitħarrġu fit-tama. Jgħidilna li l-ewwel mod kif nikbru fit-tama huwa permezz tat-talb. Alla huwa dejjem magħna, u jismagħna dejjem. Anki jekk tħossok abbandunat minn kulħadd – u kważi tiġik it-tentazzjoni li titlef it-tama – Alla jibqa' miegħek. Il-Papa jsemmi l-esperjenza iebsa li kien għadda minna il-Kardinal Nguyen Van Thuan (1928-2002) li kien għamel tlettax-il sena f'ħabs f'pajjiżu, il-Vjetnam, bejn is-snin sebgħin u tmenin. Minkejja li kien f'sitwazzjoni mill-aktar diffiċli, kien it-talb li żamm it-tama ħajja mixgħula fih.

Bħal f'diversi partijiet tal-enċiklika, il-Papa jerġa' jirreferi għal Santu Wistin. Ifisser kif it-talb jgħinna nissaffew, u jiża xbieha sabiħa biex nifhmuh. Il-qaddis jgħid: "Stħajjel li Alla jrid jimliek bil-għasel

(simbolu tal-ħlewwa ta' Alla u tat-tjieba tiegħu). Jekk int, iżda, tinsab mimli ħall, fejn sa tqiegħdu l-għasel?" Jgħidlek li qalbek qisa qolla li "l-ewwel trid titwessa' u mbagħad titnaddaf: teħles mill-ħall u mit-togħma tiegħu" (par. 33). It-talb isaffina: qabel kollox, nitgħallmu nitolbu; jissaffew ix-xewqat tagħna; nitgħallmu ma nitolbux affarijiet superfiċjali; naħarbu l-illużjonijiet. It-talb, għalhekk, isir skola ta' tama. It-tama nitgħallmuha wkoll permezz tal-impenn tagħna fil-qadi ta' dmirijietna u permezz tat-tbatija li lkoll ngħaddu minnha.

Il-Papa jisħaq fuq is-sehem tagħna biex intaffu l-ħafna tbatijiet ta' madwarna. Iżda għandna dejjem niftakru li Alla sar bniedem, "daħal personalment fl-istorja" (par. 36) u bata magħna u għalina. Din il-verità kbira tagħmlilna kuraġġ, għax kif qalilna Benedittu XVI, "nibtet fl-istorja t-tama fil-fejqan tad-dinja" (par. 36). Dan il-fejqan bdieh Kristu stess, imma għadu ma seħħx għal kollox. Il-Papa jitkellem fid-dettall dwar it-tbatija. Jagħtina fit-tul l-esperjenza ta' wieħed mill-martri tal-Vjetnam, San Pawl Le-Bao-Tinh (1793-1857), li xerred demmu fl-1857. In-nota prinċipali li nistgħu nisiltu mill-karba kollha tbatija ta' dan il-martri hija waħda ta' tama Nisranija fil-qawwa tal-Mulej. Il-Papa jfakkarna fil-valur għoli ta' meta tbati ma' xi ħadd. Huwa Alla li jgħallimna dan meta "ried ibati għalina u magħna" (par. 39). It-tama – kbira jew żgħira li għandna – tgħinna naffaċċjaw it-tbatija li lkoll ngħaddu minnha. It-tama tgħinna wkoll biex nagħtu xhieda, l-aktar f'mumenti ta' prova, u nagħmlu għażliet favur il-verità u d-dinjità tal-bniedem.

**Iva għall-imħabba t'Alla**

Fil-Kredu aħna nistqarru l-fidi tagħna f'Ġesù li għandu jerġa' jiġi fil-glorja biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin. Il-Papa Benedittu jiġbdilna l-attenzjoni li l-Ġudizzju, b'diversi modi, influwenza l-ħajja tal-Insara. Il-Ġudizzju jfakkarna, fost l-oħrajn, fit-tama tal-ġustizzja ta' Alla (ara par. 41). Il-Papa jsemmi l-fatt, speċjalment fiż-żmien modern, tal-bniedem li tbiegħed minn Alla. Quddiem sitwazzjonijiet u esperjenzi ta' bnedmin jew popli li pprotestaw kontra Alla jew ċaħduh, Benedittu XVI jafferma b'qawwa: "Iva, il-qawmien tal-ġisem jeżisti. Il-ġustizzja teżisti... Għalhekk il-fidi fil-Ġudizzju aħħari hija qabel xejn tama – dik it-tama li l-ħtieġa tagħha dehret biċ-ċar sewwasew

fit-taqlib tal-aħħar sekli" (par. 43). Il-Papa jisħaq ukoll li "dinja bla Alla hija dinja bla tama" (par. 44). Għalkemm il-Ġudizzju jbeżżagħna, ifakkarna fir-responsabbiltà tagħna, u huwa wkoll xbieha ta' tama.

## In-novissimi

Il-Papa jgħaddi wkoll biex iwasslilna t-tagħlim dwar in-novissimi. Ifakkar li wara l-mewt, hemm il-ġudizzju individwali li jwassal għall-premju jew kastig. Fil-qosor jgħallimna dwar il-ġenna għal dawk "li ħallew 'l Alla jidħol fihom għal kollox", u l-infern għal dawk "li fihom kollox sar gidba, nies li għexu l-mibegħda u każbru l-imħabba fihom infushom" (par. 45). Ikellimna wkoll dwar il-purgatorju, li huwa stat ta' tisfija u fejqan li jħejji r-ruħ għall-għaqda ma' Alla (ara par. 45-47). Benedittu XVI isemmi wkoll il-"faraġ u l-konfort" li aħna l-Insara nistgħu nagħtu lill-erwieħ tal-purgatorju permezz tat-talb, taċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u l-għotjiet ta' karità. Hawn tidher ċara espressjoni ta' dik li tissejjaħ ix-xirka tal-qaddisin, jiġifieri l-komunjoni bejn il-qaddisin fil-ġenna, dawk li qed jissaffew fil-purgatorju u aħna li għadna f'din id-dinja. Kif rajna aktar 'il fuq, it-tama hija komunitarja. Għalhekk, bħala Nsara mhuwiex biżżejjed li nsalva jien. Il-Papa jħeġġiġna biex nistaqsu: "X'nista' nagħmel biex l-oħrajn isalvaw u titla' għalihom ukoll il-kewkba tat-tama?" (par. 48).

## Márija, mara ta' tama

Fl-aħħar paġni tal-Enċiklika, il-Papa jdur lejn Marija, u jindirizzaha bħala kewkba tat-tama. Jgħidilna li tul il-mixja ta' ħajjitna niltaqgħu ma' bosta persuni tajbin li kienu bħal kwiekeb ta' tama f'mumenti mudlama li għaddejna minnhom. Kristu jibqa' d-dawl tad-dinja, imma jinqeda b'persuni li jwasslulna d-dija tiegħu. Fost dawn hemm il-Verġni Marija. Il-Papa jsemmi l-mumenti ta' prova li għaddiet minnhom Marija... mill-"iva" li lissnet lill-anġlu, sa fuq il-Kalvarju. Tul il-ħajja tagħha, baqgħet tidwi fil-qalb ta' Marija l-kelma tal-anġlu: "La tibżax, Marija!" (Lq 1:30). Marija baqgħet temmen u tittama taħt is-salib ta' Binha. Baqgħet tittama fil-ħemda tas-Sibt, qalbha mimlija biċ-"ċertezza tat-tama" (par. 50) li wasslitha għall-esperjenza tar-rebħa tal-Għid ta' Binha.

*Caritas in veritate* (29 ta' Ġunju 2009)

It-tielet enċiklika li l-Papa Benedittu XVI ffirma fid-29 ta' Ġunju 2009 kienet ilha mistennija madwar sena. Ingħad li meta kienet kważi lesta u kienet fil-fażi tal-aħħar irtokki, fl-2008 faqqgħet kriżi ekonomika internazzjonali. Għaldaqstant, kien prudenti li l-pubblikazzjoni tiġi posposta sabiex issir riflessjoni aktar attenta dwar l-ekonomija mondjali. It-temi li l-Papa Benedittu jiżviluppa tant tajjeb mhumiex indirizzati lill-Kattoliċi biss, jew lill-Insara biss. Il-kontenut ta' *Caritas in veritate* qiegħed hemm għar-riflessjoni tal-bnedmin kollha ta' rieda tajba.

Parti mid-Duttrina Soċjali tal-Knisja, *Caritas in veritate* hija dokument importanti ħafna f'dik is-serje ta' enċikliki u kitbiet oħra li flimkien jagħmlu dik li nsejħulha d-Duttrina Soċjali tal-Knisja – jiġifieri dak it-tagħlim kollu tal-Papiet u tal-Isqfijiet li jittratta temi bħax-xogħol, id-drittijiet u d-dmirijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem, il-faqar fid-dinja, il-paċi fid-dinja... biex insemmi biss ftit eżempji. L-ewwel enċiklika soċjali hija *Rerum novarum* tal-Papa Ljun XIII fl-1891. Papiet oħra ħadu l-okkażjoni ta' xi anniversarju importanti ta' dik l-Enċiklika biex reġgħu fakkru l-bażi tat-tagħlim soċjali tal-Knisja, u biex japplikawh għal żminijiet ġodda. Insemmu *Quadragesimo anno* (1931) ta' Piju XI, *Mater et magistra* (1961) ta' Ġwanni XXIII, u *Laborem exercens* (1981) u *Centesimus annus* (1991) ta' Ġwanni Pawlu II.

Dawn kollha ħallew impatt qawwi skont iż-żmien li fih deħru. Biżżejjed insemmu *Centesimus annus* li ħarġet daqs sena u nofs wara l-waqgħa tal-komuniżmu, u kif fiha Ġwanni Pawlu II kien ippropona "t-tielet triq" – dik tan-nofs, bejn il-kapitaliżmu u l-komuniżmu. *Caritas in veritate* kellha tfakkar l-erbgħin sena ta' enċiklika soċjali oħra, *Populorum progressio* ta' Pawlu VI (1967). Iżda kif fissirt qabel, it-test tal-enċiklika l-ġdida kellu jkun rivedut bosta drabi biex iwieġeb b'mod adegwat għall-avvenimenti soċjo-ekonomiċi li affettwaw id-dinja f'dak iż-żmien. Benedittu XVI xtaq ifakkar l-aspetti l-aktar importanti ta' *Populorum progressio*. Għalhekk huwa jiddedika l-ewwel sezzjoni (minn sitta) ta' *Caritas in veritate* biex joffri "qari mill-ġdid" ta' bosta elementi ċentrali li kien żvolġa Pawlu VI, erbgħin sena qabel. Japplikahom għaż-żminijiet tal-lum.

**Il-messaġġ ċentrali tal-enċiklika**

Mhuwiex faċli tiġbor enċiklika li hija ferm twila (144 paġna) fi ftit kliem! Imma, meta nirriflettu dwar dak li fiha, is-sotto-titlu tagħha jitfa' dawl ċar fuq il-kontenut. L-enċiklika tittratta l-iżvilupp uman sħiħ fl-imħabba u l-verità. Benedittu XVI jittratta l-iżvilupp sħiħ tal-bniedem fid-dinja tal-lum f'diversi aspetti li jolqtuh. Jibni fuq dak li qalu l-Papiet ta' qablu. Fost is-suġġetti li wieħed jiltaqa' magħhom f'*Caritas in veritate*, insemmi: il-ġid komuni, il-globalizzazzjoni, il-ġuħ fid-dinja, kif qed tikber il-popolazzjoni f'xi naħat tad-dinja waqt li fi bnadi oħra l-età medja qed togħla, l-ambjent, l-edukazzjoni għal kulħadd, ir-relazzjoni bejn kummerċ u etika.

**Ir-relazzjoni bejn il-kummerċ u l-etika**

Il-Papa jisħaq fuq il-fatt li l-kummerċ, il-*business* għandu jsir b'mod etiku. Jiġifieri li għandhom dejjem ikunu rrispettati ċerti prinċipji biex ħadd ma jisfa sfruttat, u li ma jkunx hemm abbuż. Jekk irridu nitkellmu dwar l-iżvilupp awtentiku ta' kull bniedem, hu min hu, u jinsab fejn jinsab fid-dinja, għandna nżommu dejjem quddiemna l-verità dwar il-bniedem u d-dinjità tiegħu. Il-ħsieb ċentrali li jorbot il-qafas tal-enċiklika kollha huwa dan: il-qawwa ħelliesa ta' mħabba vera fil-verità. Benedittu XVI jisħaq li "mingħajr il-verità, mingħajr il-fiduċja u l-imħabba lejn dak li hu veru, mhemmx kuxjenza u responsabbiltà soċjali" (par. 5).

**Id-dinjità tal-bniedem**

Hawnhekk hu l-pern ta' kollox. Dan ngħidu mhux biss għax jgħallmuh il-Papiet jew il-Knisja, imma wkoll għax huwa prinċipju minn ewl id-dinja. Hemm liġi, insejħulha l-liġi naturali, li hija mnaqqxa fil-qalb ta' kull bniedem, u li kienet, sa mill-bidu, fil-pedament ta' kull ċiviltà u soċjetà tal-bnedmin. Għaliex ngħidu "la toqtolx" jew "la tisraqx"? Għax Alla qal hekk? Iva, imma mhux biss. Ma noqtolx, ma nisraqx u ma nagħmilx affarijiet oħra li nsejħulhom "ħżiena" għax iferu l-bniedem, kemm min jirċevihom, kif ukoll min jagħmilhom. Imorru kontra d-dinjità tal-bniedem, hu min hu, anki jekk ma jappartjeni għal ebda reliġjon. Fl-enċiklika, Benedittu XVI jispjega li l-iżvilupp veru

għandu jippromwovi l-ġid ta' kull individwu, u l-ġid tal-individwu sħiħ.

Matul l-enċiklika joħroġ ċar li l-iżvilupp personali m'għandux ikun għad-detriment ta' ħaddieħor, imma jfittex ukoll il-ġid sħiħ tal-proxxmu, filwaqt li jkunu mħarsa d-dmirijiet u d-drittijiet ta' kulħadd. Fl-enċiklika, il-Papa jittratta temi jaħarqu, bħall-globalizzazzjoni, il-migrazzjoni u l-bdil fil-klima. Issib min jgħid: din kif inhi li l-Papa jindaħal f'dibattiti bħal dawn? Il-Papa għandu messaġġ x'joffri, bħalma jista' jkollhom mexxejja oħra. Iżda dak li jpoġġi l-messaġġ tal-Papa fuq livell ogħla huwa l-fatt li huwa għandu awtorità morali fuq livell dinji. Anki jekk isib min ma jaqbilx miegħu, jew min forsi jistrumentalizza xi ħaġa li jkun qal il-Papa, il-messaġġ tiegħu huwa wieħed konsistenti u ta' kwalità mill-ogħla.

**Il-Papa dwar il-globalizzazzjoni**

Benedittu XVI ifittex li jmur fil-qalba tal-fenomenu. Jiddeskrivih bħala "splużjoni ta' interdipendenza dinjija" (par. 33). Band'oħra jolqot il-musmar fuq rasu meta jfisser li l-globalizzazzjoni "tagħmilna ġirien ta' xulxin, imma ma tagħmilniex aħwa" (par. 19). B'mod mill-aktar bilanċjat, il-Papa jsemmi kemm l-aspett pożittiv tal-fenomenu, kif ukoll il-konsegwenzi negattivi, fosthom il-firdiet ġodda fl-umanità għax il-gwida li toffri l-imħabba fil-verità tkun nieqsa. Hawn tinsab waħda mill-kwistjonijiet fundamentali tal-enċiklika. Kif nistgħu nifhmu l-globalizzazzjoni, meta fil-kriżi ekonomika mondjali rajna istituzzjonijiet kbar li mexxielhom jilagħbu b'ekonomija "virtwali" li kkombinawha ma' ekonomija "vera" biex jieħdu vantaġġ minnha, b'dannu għal dawk li huma aktar dgħajfa? Dwar dan, wieħed ta' min isemmi l-kumment tal-Arċisqof u teologu Taljan, Monsinjur Bruno Forte (1949- ), fil-gazzetta *Il Sole 24 Ore*, ftit jiem wara l-pubblikazzjoni tal-enċiklika. Għal din il-mistoqsija, Forte jgħidilna li t-tweġiba tal-Papa Benedittu hija ċara u tonda: l-ekonomija, waħedha, mhix biżżejjed biex iġġib il-ġid komuni 'l quddiem. Lanqas l-imħabba waħedha ma hi biżżejjed. Iż-żewġ aspetti jridu jkunu preżenti flimkien. *Il-pedament ta' kull imġiba dwar dan jibqa' d-dinjità ta' kull bniedem u l-iżvilupp sħiħ tiegħu.*

**Kif id-dokument intlaqa' mill-media internazzjonali**

*Caritas in veritate* ntlaqgħet b'interess, anki għax kien hemm stennija twila għaliha ta' aktar minn sena. Dan il-fattur għen. Ir-rivista prestiġjuza *The Economist* tal-11 ta' Lulju 2009 kienet ferm bilanċjata dwar l-enċiklika u għamlet analiżi tajba u pożittiva tagħha. Bil-kummenti li nkitbu f'din ir-rivista, jidher li d-dokument tal-Papa ttieħed bis-serjetà. L-artikolist li għadni kif semmejt jgħid li l-Papa ma jissimplifikax il-problemi planetarji billi jinsisti biss fuq il-virtujiet reliġjużi, fosthom l-għaqal u l-qjies, imma billi jipproponi triq tan-nofs. Ngħidu aħna, huwa jaċċetta l-leġittimità tas-swieq u tal-profitti, sakemm dawn ma jsirux allat, jew jogħlew 'il fuq wisq mill-bnedmin li huma affettwati minn deċiżjonijiet ekonomiċi. Dan spjegah ukoll Monsinjur Bruno Forte fl-intervista li semmejt.

**Xi prinċipji oħra fundamentali fl-enċiklika**

Diġà semmejt xi wħud, bħad-dinjità tal-bniedem. Prinċipji oħra jinkludu: il-gratwità bħala espressjoni ta' fraternità (par. 34); relazzjonijiet ta' ħbiberija, solidarjetà u reċiproċità vera f'kull attività ekonomika (par. 36); il-ħarsien tal-ħolqien (par. 50); il-bniedem f'xibka pożittiva ta' relazzjonijiet awtentiċi bħala dimensjoni importanti tal-umanità tiegħu (par. 55).

**Alla u l-bniedem**

F'diversi partijiet tal-enċiklika nsibu referenza wkoll għal dak li naqraw fil-Kelma t'Alla. L-ewwel paragrafu tal-enċiklika jiffoka fuq Ġesù Kristu. Hemm, il-Papa jgħid li "l-imħabba fil-verità li tagħha Ġesù Kristu sar xhud bil-ħajja tiegħu fuq l-art, u fuq kollox, bil-mewt u l-qawmien, hija l-qawwa ewlenija li tqanqal l-iżvilupp veru ta' kull persuna u tal-umanità sħiħa" (par. 1). Lejn it-tmiem tal-enċiklika, il-Papa Benedittu jfakkarna li d-dibattitu soċjali huwa fis-sewwa dibattitu dwar il-bniedem (par. 75). Imbagħad, huwa jispjega kif il-bniedem, maħluq xbieha t'Alla, huwa don għall-oħrajn, u huwa msejjaħ biex ikun u biex jaġixxi f'relazzjoni magħhom. Din tal-aħħar jgħiduha anki awturi oħra. Imma, imbagħad, il-Papa Benedittu joffri proposta oħra: "l-iżvilupp għandu jħaddan fih mhux biss it-tkattir

materjali imma wkoll dak spiritwali, għaliex il-persuna umana hija għaqda 'magħmula minn ruħ u ġisem'" (par. 76). L-iżvilupp spiritwali tal-persuna hija dimensjoni bażika tal-iżvilupp uman sħiħ. Il-ftuħ lejn Alla jdawwalna fil-promozzjoni u l-bini ta' soċjetà umanament b'saħħitha.

## Konklużjoni

Kif stajna naraw f'din il-preżentazzjoni dwar it-tlett enċikliki tal-Papa Benedittu XVI, hemm għana kbir f'dan il-kontribut tal-Maġisteru Petrin. Fl-ewwel tnejn, il-Papa jieħu tnejn mit-tliet virtujiet teologali, l-imħabba u t-tama. L-enċiklika dwar il-fidi, *Lumen fidei*, kienet għoddha lesta fiż-żmien meta l-Papa rrinunzja għall-ministeru tiegħu bħala l-Isqof ta' Ruma u Kap Suprem tal-Knisja Universali, imma kellu jkun li tidher bl-isem tas-suċċessur tiegħu, il-Papa Franġisku. Aħna u nqalbu *Deus caritas est*, *Spe salvi* u *Caritas in veritate*, mhux diffiċli li għajnejna jaqgħu fuq ħafna referenzi għal awturi li qed jiġu kkwotati għall-ewwel darba mill-Maġisteru. Dan il-kumment jgħodd l-aktar għall-ewwel żewġ enċikliki. Benedittu XVI kien Papa-katekist li kellu kapaċità straordinarja li jwassal bi kliem ċar dak li aktarx huwa aktar ikkumplikat biex tesprimih. L-enċikliki tiegħu jidħlu f'din il-kategorija. U la qegħdin insemmu t-tagħlim tiegħu, ta' min wieħed ma jinsiex it-tagħlim tiegħu fl-Eżortazzjonijiet Appostoliċi dwar l-Ewkaristija (*Sacramentum caritatis*, 22 ta' Frar 2007) u dwar il-Kelma t'Alla (*Verbum Domini*, 30 ta' Settembru 2010). Il-Papa Benedittu XVI, l-ewwel teologu professjonali li kien elett Papa f'madwar mitejn u ħamsin sena, jibqa' magħruf mhux biss għax kien l-ewwel Papa f'sitt sekli li rriżenja, imma għax leħnu ġentili u melliesi jibqa' jidwi permezz tal-omeliji u d-diskorsi tiegħu, kif ukoll permezz tal-pinna soda u awtorevoli tiegħu waqt l-eżerċizzju tal-Maġisteru ordinarju tiegħu. Huwa xieraq li fis-sena li matulha huwa jagħlaq disgħin sena, aħna nieqfu biex napprezzaw il-ġawhar tat-tagħlim li ħallielna dan il-Papa, u nirringrazzjaw lil Alla li tahulna.

## Referenzi


1. Ara l-ktieb Benedetto XVI, *Ultime Conversazioni* (a cura di Peter Seewald), Garzanti, Milano 2016, pp.230-1.
2. It-tliet enċikliki kienu tradotti għall-ilsien Malti, rispettivament, ftit xhur wara li ġew ippubblikati mill-Papa Benedittu XVI: *Deus caritas est*, trad. Dun Karm Bezzina, pubblik. Arċidjoċesi ta' Malta; *Spe salvi*, trad. Patri Edmund Teuma OFM Conv., pubblik. Reliġjon u Ħajja; *Caritas in Veritate*, trad. Patri Edmund Teuma OFM Conv., pubblik. Reliġjon u Ħajja.
3. Benedetto XVI, *Ultime Conversazioni*, pp.194-5.
4. Ibid., p.195.
5. *Ecclesiam suam* (6 ta' Awwissu 1964).
6. *Redemptor hominis* (4 ta' Marzu 1979).
7. Ara http://w2.vatican.va/content/benedict-xvi/en/speeches/2006/january/documents/hf_ben-xvi_spe_20060123_cor-unum.html [aċċessat 22.12.2016].